MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 272/2014

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta’ Awissu 2006 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel minorenni KB D li twieled fl-erbatax (14) ta’ Novembru 2006;

Illi l-partijiet  ilhom separati de facto ghal aktar minn erba’ (4) snin tant li l-esponenti ilha tghix barra mid-dar matrimonjali ghal zmien twil u legalment separati b’kuntratt redatt min-nutar Dottor Rosella Sciberras tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru elfejn u tnax (2012) (ara Dok B anness);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni  ma nies ohra;

Illi m’hemm ebda kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota guramentata tal-intimata li permezz taghha ammettiet it-talbiet tar-rikorrenti u dan billi m’hemmx ebda tama ta’ rikonciljazzjoni u

billi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment u ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awissu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u legalment separati mill-25 ta' Settembru 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------